MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 77/2013/1

**Premier Leasing and Investments Company Limited**

**v.**

**L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim Ministru, Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur Generali Qrati u Tribunali**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mis-socjeta` attrici [l-appellanti] minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fit-28 ta' Lulju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, filwaqt li lliberat lill-intimat Direttur Generali Qrati u Tribunali mill-osservanza tal-gudizzju, laqghet l-eccezzjoni li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji fir-rigward tal-vettura BMW X5 Mr.Big, izda cahdet din l-eccezzjoni fir-rigward tal-flus li nqabdu minghand l-akkuzati [il-konjugi Agius] u li eventwalment gew depozitati fil-Bank Centrali; dik il-Qorti wkoll cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti appellanti li huma fis-sens li l-Qorti: [it-tieni talba] tiddikjara li fis-sistema legali taghna hemm incertezza legali, fil-konfront tar-rikorrenti bhala kreditrici *bona fide*, kagun ta' konflitt bejn l-Artikolu 32 tal-Kap.9 u l-Artikolu 22A tal-Kap.101 u l-Artikolu 5 tal-Kap.373, kif ukoll li hemm lezjoni tal-Artikolu 37 [1][b] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni; [it-tielet talba] taghti r-rimedji xierqa, fosthom ir-rilaxx favur ir-rikorrenti mill-effetti tal-ordni ta' frizar tal-ammont ta' wiehed u sittin elf, erba' mija, hamsa u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€61,465.22) mill-assi tal-konjugi Agius; u [ir-raba' talba] tiffissa kumpens dovut lir-rikorrenti minhabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fuq indikati.

**Il-Fatti**

**2.** Fis-succint il-fatti li waslu ghall-kaz odjern huma dawn. Fl-10 ta' Settembru 2007 l-appellanti kienet dahlet fi ftehim ta' Hire Purchase mal-konjugi Agius fuq il-vettura BMW X5 numru HBE 352 Mr.Big versu l-prezz ta' hamsa u sittin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro (€65,222) li ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u sittin Euro (€20,964) minnu thallas mal-kuntratt filwaqt li ghall-kumplament tal-prezz hargu kambjali. Fl-istess ftehim gie espressament pattwit li l-vettura tibqa' proprjeta` tal-appellanti sakemm jithallas il-bilanc tal-prezz.

**3.** Fl-10 ta' Novembru 2007, wara perkwizizzjoni mill-pulizija li saret fir-residenza tal-konjugi Agius, instabet kilo droga kokajina u fl-istess kamra instabet ukoll somma sostanzjali ta' flus. Dawn il-flus gew depozitati fil-Bank Centrali ta' Malta, filwaqt li l-konjugi Agius tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Struttorja akkuzati bir-reati ta' traffikar ta' droga u hasil ta' flus, u dik il-Qorti harget ordni ta' frizar fuq l-assi kollha tal-konjugi Agius, allura akkuzati fil-proceduri **Il-Pulizija v. Stiano Agius et**. Mill-atti jirrizulta li, ghalkemm il-kumpilazzjoni inghalqet, izda l-guri ghadu ma sarx.

**4.** L-appellanti bhala kreditrici *bona fide* intavolat erba' [4] rikorsi[1] quddiem l-imsemmija Qorti tal-Magistrati [Malta] sabiex tottjeni r-rilaxx tal-vettura, izda minghajr success tenut kont tal-oggezzjoni da parti tal-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Fid-digriet moghti fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2008 dik il-Qorti cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura *"f'dan l-istadju, qabel tigi prezentata r-relazzjoni ta' Martin Bajada".*

**5.** Sadanittant permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru 2008, l-appellanti pprocediet ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali li, ghalkemm kienu mmaturaw, ma kienux gewx onorati.

**6.** Filwaqt li t-tliet rikors l-ohra baqghu ma gewx degretati, fl-4 ta' Dicembru 2008 l-appellanti prezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fejn talbet l-awtorizzazzjoni li tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha fuq is-somma ta' flus iddepozitata fil-Bank Centrali, izda dik il-Qorti, wara li osservat li *"l-akkuza ggib id-data li hi u l-bejgh huwa vicin ta' l-istess, u [ukoll fin-nuqqas] ta' prova tal-provenjenza tal-istess flus"* cahdet it-talba.

**<u>Il-Meritu</u>**

[1] Fil-15 Frar, 14 April, 20 Mejju u 10 Gunju tas-sena 2008

**7.** L-appellanti ssostni li peress li hi ghadha proprjetarja tal-vettura *de quo* li baqghet tinzamm mill-pulizija peress li milquta bl-ordni ta' frizar gie lez fil-konfront taghha d-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 37[1][b] tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naha taghhom l-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, isostnu li l-vettura tifforma parti mill-*corpus delicti* stante li kienet intuzat fil-konsenja tad-droga, filwaqt li l-flus maqbuda mir-residenza tal-konjugi Agius u depozitati fil-Bank Centrali ghandhom provenjenza illecita. Kienu dawn ir-ragunijiet li ghalihom huma opponew ghat-talba maghmula mill-appellanti fir-rikorsi taghhom kemm ghar-rilaxx tal-vettura kif ukoll ghall-ezekuzzjoni tat-titolu taghhom fuq il-flus maqbuda.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**8.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-kaz jitratta dwar vettura BMW X5 registrazzjoni MR BIG. Jirrizulta li fl-10 ta' Settembru 2007 il-vettura giet akkwistata b'kuntratt *hire purchase* minn Stiano u Eleanor konjugi Agius minghand ir-rikorrenti ghall-prezz ta' €64,057.77 u thallset is-somma ta' €20,964.36. Fil-kuntratt jinghad:
>
> > *""**Property in the vehicle shall continue to vest in the Company until such time as the Customer shall have paid the price in full** and any other amount due by the Customer to the Company. It is agreed, that the Customer shall bear all risks relating to the vehicle as from the moment it is delivered to him"*.

"Imbaghad fit-12 ta' Novembru 2007 il-konjugi Agius tressqu l-qorti u gew akkuzati bi traffikar tad-droga eroina u hasil ta' flus. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat l-iffrizar tal-assi u flejjes tal-konjugi Agius, u dan skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101. Fl-ordni jinghad hekk:

*""Il-Qorti ai termini ta' Art 22A Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jigu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew ikunu proprjeta taghhom u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta mobbli jew immobbli"*.

"Il-vettura ttiehdet mill-pulizija.

"Fil-proceduri kriminali r-rikorrenti pprezentat erba' rikorsi fejn talbet lill-qorti sabiex tawtorizza r-rilaxx tal-vettura (15 ta' Frar 2008, 14 ta' April 2008, 20 ta' Mejju 2008 u 10 ta' Gunju 2008). Filwaqt li fir-rikors promotur jinghad li r-rikorsi gew michuda, wara d-digriet tas-17 ta' Lulju 2014 l-Avukat Generali ipprezenta nota (18 ta' Lulju 2014) fejn ddikjara li dawn ir-rikorsi qatt ma gew degretati. Il-qorti rat l-atti tal-kawza kriminali minn fejn jirrizulta li r-rikors tal-15 ta' Frar 2008 kien gie degretat waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2008. Dakinhar il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghar-rilaxx tal-vettura u qal li kienet ser tipprezenta proi li:

*""…. juru li l-istess vettura Mr Big intuzat specificament mill-imputati biex tigi trasferita l-allegata droga u ghalhekk il-vettura materjalment hi ferm importanti biex il-Prosekuzzjoni tipprova u ssahha il-kaz taghha quddiem il-Qorti u jekk ikun il-kaz quddiem il-Qorti Kriminali"*.

"Il-qorti ddikjarat:

*""Il-Qorti qeghda f'dan l-istadju, qabel tigi pprezentata r-relazzjoni ta' Martin Bajada, tichad it-talba"*.

"Mill-atti jirrizulta li r-rikors l-ohra li bihom ir-rikorrent talbet ir-rilaxx tal-vettura, ma gewx degretati. Sussegwentement ir-rikorrenti pprezentat rikorsi fejn talbet

li mill-gid tal-konjugi Agius tigi rilaxxata somma flus biex jithallas il-kreditu li ghandha kontra l-akkuzati. L-ewwel rikors f'dan is-sens sar fl-4 ta' Dicembru 2008 (fol. 69) li l-Avukat Generali ddikjara li ma giex degretat (ara nota li pprezenta wara d-digriet tas-17 ta' Lulju 2014).

"Waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2013 l-Ispettur Dennis Theuma, li qieghed imexxi l-prosekuzzjoni, ddikjara li waqt il-proceduri kriminali kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda li fiha d-difensur tal-konjugi Agius iddikjarat li ma jopponux ghat-talba sabiex il-vettura tinghata lir-rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta li waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 id-difensur tal-konjugi Agius ddikjarat *"…. m'hemmx diffikulta sabiex il-vettura mertu tar-rikors hawn fuq imsemmi tigi rilaxxata u dan in vista tal-fatt illi l-istess vettura ghadha mhix proprjeta tal-imputati, u ghalhekk ma tistax tkun soggetta ghall-konfiska"*[2].

"Jirrizulta li sal-lum il-vettura qeghda tinzamm ghand il-pulizija (ara nota u ritratti prezentati fit-22 ta' Novembru 2013 a fol. 35).

"- - Ommissis - -

**"<u>Ezawriment ta' rimedji ordinarji</u>**.

"Ir-rikorrenti pprezentat rikorsi sabiex il-qorti li quddiemha kien qieghed jinstema' l-kaz, tordna r-rilaxx tal-vettura. Ir-rikorrenti m'hijiex parti fil-process kriminali. Mill-atti jirrizulta li kien biss l-ewwel rikors li kien gie degretat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li bih cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura. Mid-digriet kien evidenti li t-talba ghar-rilaxx giet michuda minhabba l-istadju li kien ghadu wasal il-process kriminali. Ir-rikorsi l-ohra ghar-rilaxx tal-vettura ghadhom m'humiex degretati. Pero' kif ser jinghad hawn taht hu evidenti li r-rikorrenti ma baqghetx interessata li tiehu lura l-vettura izda li tithallas il-bilanc tal-prezz mill-flus li nstabu fid-dar tal-konjugi Agius u li gew milquta minn ordni tal-iffrizzar.

"Differenti hi s-sitwazzjoni fir-rigward tal-flus li huma milquta mill-ordni ta' l-iffrizar u li m'humiex tar-rikorrenti. L-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 jaghti l-

[2] Ara fol. 629 tal-proceduri kriminali.

opportunita’ lill-kredituri li huma in *bona fide* li jitolbu lill-qorti sabiex tawtorizza l-hlas ta’ djun li jkollhom jithallsu mill-akkuzat. Ir-rikorrenti ezawriet tali rimedju meta pprezentat diversi rikorsi, kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u wkoll il-Qorti Kriminali. B’daqshekk ma jfissirx li m’ghandhiex jedd li tressaq ilment bazat fuq allegat ksur ta’ drittijiet fundamentali. ‘Il fatt li r-rikorrenti pproponiet il-kaz in ezami fejn qeghda tallega ksur ta’ drittijiet fundamentali, ma jfissirx li dan hu appell mid-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u tal-Qorti Kriminali. Dan apparti li mill-atti jidher li m’hemmx gid iehor li fuqu r-rikorrenti tista’ tezegwixxi t-titolu ezekuttiv kontra l-konjugi Agius.

“**<u>Ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-vettura BMW MR BIG</u>**.

“Minkejja dak li nghad hawn fuq il-qorti xorta ser tikkunsidra dan l-ilment.

“Il-qorti tibda billi tosserva li ma tifhimx kif fir-rikors promotur ir-rikorrenti ressqet ilment dwar il-vettura meta fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2013 gie verbalizzat:

> *““Id-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw ukoll li **filwaqt li jifhmu li fil-pendenza tal-proceduri kriminali l-vettura tibqa’ sekwestrata**, pero’ hemm flus minn fejn ir-rikorrenti tista’ tithallas il-kreditu li ghandha fil-konfront tal-akkuzati.”*.

“Kif rajna r-rikorrenti ghamlet b’kollox erba’ rikorsi sabiex tinghata l-pussess tal-vettura. Jirrizulta li l-Avukat Generali dejjem oggezzjona:

“(a) Dwar ir-rikors tal-15 ta’ Frar 2008 qal li l-vettura hi registrata f’isem l-imputat u kienet intuzat biex jitwettaq ir-reat u tifforma parti mill-*corpus delicti* (fol. 47);

“(b) Dwar ir-rikors tal-14 ta’ April 2008 qal li l-akkuzati ghandhom drittijiet fuq l-istess vettura (fol. 55);

“(c) Dwar ir-rikors tal-20 ta’ Mejju 2008 qal li jirrispondi wara li jinghata kopja tad-dokumenti li jissemmew fir-rikors (fol. 59);

“(d) Dwar ir-rikors tal-10 ta’ Gunju 2008 qal li *“… c-cirkostanzi tar-rikorrent ma tantx inbidlu, hu jopponi t-talba”* (fol. 67).

"Skond l-Artikolu 674 tal-Kodici Kriminali, proprjeta li tkun esibita waqt proceduri kriminali tista' tintalab lura mis-sid li ma jkunx involuta bhala *"persuna principali, komplici jew assocjata fir-reat kriminali li jkun jifforma l-materja ta' dawk il-proceduri"*. Il-persuna kkoncernata trid taghti prova tat-titolu u li ma jkunx ghad hemm bzonn li l-oggett jibqa' materjalment esebit ghal finijiet tal-proceduri kriminali.

"Jirrizulta li eventwalment ir-rikorrenti ma baqghetx interessata li tiehu lura l-vettura u bidlet l-istrategija, fis-sens li talbet lill-qorti sabiex tawtorizza r-rilaxx tal-flus li kienu nqabdu minghand l-akkuzati Agius. L-ewwel rikors f'dan is-sens kien fl-4 ta' Dicembru 2008 (fol. 69) [3] li jidher li baqa' ma giex degretat.

"Skond l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

*""Every natural or legal person is entitled to the* ***peaceful enjoyment of his possessions****. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.*

*"The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

"Mill-provi rrizulta li:-

"(a) Il-konjugi Agius xtraw il-vettura taht ftehim ta' *hire purchase* fejn jinghad espressament li l-vettura tibqa' l-proprjeta' tal-bejjiegha sakemm jithallas il-prezz kollu;

(b) M'hemmx kontestazzjoni li l-prezz baqa' ma thallasx. Fil-fatt irrizulta li mill-prezz kienet ghadha ma thallsitx is-somma ta' €44,258.09, mhux

---

[3] It-talba taqra hekk: "*Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tawtorizza li d-debitu tal-imputati versu s-socjeta Premier Leasing and Investments Company Limited ammontanti ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€47,325.26) jigu mhallsa mill-assi tal-istess imputati u dan ai termini tal-artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta"*.

inkluz l-imghax. Il-qorti stess ikkonfermat li r-rikorrenti hi kreditrici tal-konjugi Agius.

"L-effett ta' ftehim bhal dak li sar bejn ir-rikorrenti u l-konjugi Agius (fol. 28) hu li l-proprjeta' tal-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm ma jkunx thallas il-prezz kollu (ara **Regina Auto Dealer Limited vs Miller Distributors Limited et** deciza mill-Prim'Awla[4] fit-30 ta' Mejju 2002) u l-gurisprudenza li hemm riferenza ghaliha[5]. Dan ifisser li l-vettura ghadha proprjeta' tar-rikorrenti. Wiehed jista' jikkontesta li l-vettura hi proprjeta tar-rikorrenti gialadarba l-vettura hi registrata f'isem Eleanor Tracy Agius (fol. 84). Madankollu:-

- "Fil-log book jinghad espressament li *"Transport to be authorized by Malta Transport Authority Hire Purchase"*.

- "Il-kwistjoni tal-proprjeta' ta' vettura m'hijiex determinata mil-logbook; *"ir-registrazzjoni u l-licenzja tal-vettura jistghu jkunu element ta' prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero' dak li hu verament determinati huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim"* (**Victor Soler nomine vs Josephine Pace et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999).

"Ghalkemm bejn il-kontendenti jidher li m'hemmx kontestazzjoni li l-ordni ta' iffrizar mahruga skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tolqot ukoll il-vettura, il-qorti ma tarax kif tali ordni setghet qatt tolqot vettura li m'hijiex proprjeta' tal-akkuzati Agius.

"Ordni ta' l-iffrizar tal-assi hi mizura provizorja sabiex tizgura li proprjeta li giet akkwistata b'attivita illecita li tkun twettqet b'detriment ghall-komunita, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tkun tista' tigi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess generali sabiex min jaghmel il-gid mit-traffikar tad-droga ma jiehux beneficcju minn tali attivita' illecita. M'hemmx dubju li ordnijiet bhal dawn isiru fl-interess generali. Pero' f'dan il-kaz il-vettura m'hijiex proprjeta tal-atturi.

---

[4] Imhallef R. Pace.

[5] *"Fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta' tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien, u malli dak il-fatt jivverifika ruhu, jew jghaddi dak iz-zmien ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita ohra mill-parti tal-kontraenti; jew ta' xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta'.*
*Sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew ighaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat l-oggett tal-kuntrattazzjoni bil-patt tar-rizerva tad-dominju"* (**Anthony Abela nomine vs Maria Attard et** deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957, Vol. XLI.ii.896).

"L-Ispettur Dennis Theuma xehed li l-oggezzjoni principali tal-pulizija ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tiehu lura l-vettura, *"… kienet li din il-vettura kienet corpus delicti u fil-fehma taghna anke l-flus li nghataw lil Permier Leasing dan il-provenjenza taghhom kienet minn atti illeciti"* (seduta 8 ta' Jannar 2014). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

"i) L-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:-

> *""Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi,* ***barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti****"*.

"Provvediment li japplika wkoll fil-kaz in ezami (ara l-Artikolu 3(5) tal-Att dwar il-Money Laundering (Kap. 373) u l-Artikolu 22(3)(A)(c) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi). M'hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti hi ghal kollox estraneja ghall-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konjugi Agius u r-reati li bihom gew akkuzati.

"ii) Fl-ewwel rikors li pprezentat ir-rikorrenti (15 ta' Frar 2008) kienet iddikjarat li kienet disposta li tiddepozita fil-qorti s-somma ta' €19,800 li tkopri l-hlas li ghamlu l-konjugi Agius fuq il-vettura.

"L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jirreferi ghal *possession*. F'dan il-kaz il-*possession* hi l-proprjeta tal-vettura, li hi tar-rikorrenti. Ghalkemm il-vettura kienet fil-pussess ta' Stanio Agius meta nqabdet mill-pulizija, waqt il-proceduri kriminali ddikjaraw li m'hemmx oggezzjoni li l-pussess tal-vettura tghaddi ghand ir-rikorrenti. In vista ta' din il-posizzjoni li addottaw il-konjugi Agius, il-qorti ma tarax li r-rikorrenti kellha bzonn li tipprocedi b'kawza biex tholl il-ftehim qabel titlob ir-rilaxx tal-vettura.

"L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni fih tlett regoli:

"i. Id-dritt ghat-tgawdija pacifika ta' *possessions*;

"ii. Persuna tista' tigi mcahhda mill-*possessions* fl-interess pubbliku u soggett ghall-kondizzjonijiet li tipprovdi l-ligi;

"iii. L-Istati ghandhom dritt li jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta skond l-interess generali jew biex jiggarantixxu l-hlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew penali.

"Hu maghruf li:-

*""any interference must achieve* ***a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights****. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 as a whole, including the second paragraph: there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued"* (**C.M. vs France** deciza fis-26 ta' Gunju 2001 – 28078/95).

"Fil-fehma tal-qorti r-riferenza li ghamlu whud mill-intimati ghall-kawza fl-ismijiet **Gasus Dosier – Und Fordertechnik v The Netherlands** tat-23 ta' Frar 1995 (ara paragrafu 25 tan-nota ta' sottomissjonijiet) m'hijiex flokha gialadarba f'kaz ta' sejbien ta' htija l-ligi ma tikkontemplax il-konfiska tal-vettura peress li hi proprjeta tar-rikorrenti li m'ghandha x'taqsam xejn mar-reati li dwarhom il-konjugi Agius gew akkuzati.

"Il-qorti tqies li hu rilevanti l-kaz **Silickiene v Lithuania** (20496/02) deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' April 2012 li kien jitratta konfiska ta' proprjeta' tar-rikorrenti li kienet mizzewwga lill-persuna akkuzata b'kuntrabandu ta' alkohol u sigaretti, frodi u falsifikazzjoni. Fir-rigward tal-kuncett tal-*fair balance*, il-Qorti Ewropea osservat: *".... Where possessions are confiscated, the fair balance depends on many factors,* ***including the owner's behaviour****"*. Hekk per ezempju f'dak il-kaz il-qorti osservat li r-rikorrenti kellha tkun taf li l-proprjeta konfiskata kienet inxtrat bi dhul minn attivita' kriminali, apparti li fis-sena 2005 kienet instabet hatja ta' misaproprijazzjoni u falsifikazzjoni ta' dokumenti wara li kienet ammettiet li wettqet dawk ir-reati biex tghin lil zewgha jahrab minn responsabbilta' kriminali. Fil-kaz tal-lum m'ghandna xejn minn dan. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja stess irrikonoxxiet li r-rikorrenti hi kreditrici *bona fide* tal-konjugi Agius (ara digriet tat-2 ta' Lulju 2010).

"Il-konkluzjoni tal-qorti hi li ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta' li r-rikorrenti tinghata lura l-vettura ghal dak li jikkoncerna t-titolu. Mid-digriet stess li bih gie michud l-ewwel rikors li pproponiet ir-rikorrenti, hu evidenti li l-qorti kienet

disposta li ‘l quddiem waqt il-proceduri kriminali terga’ tikkunsidra talba ghar-rilaxx tal-vettura. Ovvjament dwar jekk huwiex mehtieg li l-vettura tibqa’ esebita fl-atti, hi materja ohra li l-apprezzament taghha trid issir mill-qorti li tkun qeghda tisma’ l-kaz fil-meritu.

“Pero’ jibqa’ ‘l fatt li kif ir-rikorrenti saret taf li hemm flus li nqabdu minghand il-konjugi Agius, ghazlet li ma tinsistix fuq it-talba li tinghata l-vettura. Fil-fatt l-ahhar rikors biex tinghata l-pussess tal-vettura pprezentatu fl-10 ta’ Gunju 2008 (fol. 60). Ma jirrizultax li nsistiet biex jinghata provvediment dwar ir-rikors l-ohra li pprezentat u li bihom kienet qeghda titlob ir-rilaxx tal-vettura. Imbaghad:-

> “i. Fis-26 ta’ Settembru 2008 ipprezentat ittra ufficjali kontra l-konjugi Agius (fol. 11) sabiex tirrendi ezegwibbli l-kambjali relatati man-negozju tal-vettura in kwistjoni (ara fol. 13). Minn hemm ‘il quddiem illimitat it-talbiet taghha sabiex tigi awtorizzata tisbanka l-flus li nqabdu mill-pulizija waqt it-tfittxija li kienet saret fir-residenza tal-konjugi Agius.
>
> “ii. Fl-4 ta’ Dicembru 2008 ipprezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fol. 69) sabiex tithallas il-kreditu ezekuttiv mill-assi tal-konjugi Agius ai termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101. Jidher li dan ir-rikors qatt ma gie degretat. Wara dakinhar ir-rikorrenti regghet ipprezentat rikors:
>
> - “Fl-24 ta’ Mejju 2010 (fol. 79);
> - “Fl-1 ta’ Gunju 2010 talbet li l-hlas isir mill-flus depozitati mill-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 91) u gie michud b’digriet tat-2 ta’ Lulju 2010 (fol. 97);
> - “Fit-13 ta’ Awissu 2010 quddiem il-Qorti Kriminali (fol. 101) u b’digriet tat-13 ta’ Awissu 2010 il-qorti qalet li ma kenitx ser tiehu konjizzjoni tar-rikors ghaliex il-kaz kien pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fol. 106);
> - “Fis-6 ta’ Settembru 2010 (fol. 107) li gie michud b’digriet li l-Qorti Kriminali tat fid-9 ta’ Settembru 2010 (fol. 115);
> - “Fit-2 ta’ Dicembru 2010 (fol. 126) li gie michud b’digriet li l-Qorti Kriminali tat fit-22 ta’ Dicembru 2010 (fol. 138);
> - “Fil-11 ta’ Frar 2011 (fol. 145) li gie michud b’digriet li l-Qorti Kriminali tat fl-20 ta’ Mejju 2011 (fol. 153).

"M'hemmx dubju li kienet ghazla tar-rikorrenti li ma tinsistix li tinghata decizjoni dwar it-talba biex tiehu l-pussess tal-vettura. Ladarba r-rikorrenti ghazlet dik it-triq, il-qorti tikkonkludi li m'ghandhiex fuqhiex tilmenta.

"Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-provvediment ma japplikax ghal dan il-kaz gialadarba l-kaz in ezami ma jitrattax dwar it-tehid ta' proprjeta bla kumpens, izda kontroll ta' uzu ta' proprjeta.

"**<u>Ilmenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-flus tal-konjugi Agius li nqabdu u jinsabu depozitati fil-Bank Centrali</u>**.

"Il-process kriminali ghadu pendenti. M'hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti hi kreditrici tal-konjugi Agius. Fatt accettat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-digriet tat-2 ta' Lulju 2010 (fol. 97) meta osservat:-

*""…. **M'ghandha ebda dubbju li s-socjeta rikorrenti hija kreditrici in bona fede**, ghalhekk din il-Qorti m'ghandha ebda oggezzjoni li tali kreditu jigi saldat mill-assi tal-imputati, dan ai termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta (stante ordni ta' frizar)".*

"F'dak id-digriet kompliet tghid li l-hlas ma kellux isir mill-flus depozitati fil-Bank Centrali izda minn assi ohra li ghandhom jigu dikjarati lill-qorti ghal finijiet ta' skrutinju.

"Fil-fehma tal-qorti l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hu bla bazi meta tqies li dawn il-flus:-

"(a) Huma milquta mill-ordni ta' iffrizar mahruga mill-qorti skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101;

"(b) M'humiex proprjeta' tar-rikorrenti. Il-flus, fis-somma ta' iktar minn €69,881.20, instabu fil-fond fejn jidher li kienu qeghdin ighixu l-konjugi Agius. Ladarba l-flus m'humiex proprjeta tar-rikorrenti, ma tistax tilmenta li gie lez id-dritt fundamentali ghat-tgawdija ta' proprjeta (Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni). F'dan ir-

rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Zammit v. Ellul Vincenti nomine** tal-31 ta' Lulju, 1996 li b'riferenza ghall-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll osservat: *"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati"*.

"(c) Meta l-qorti cahdet it-talba ghar-rilaxx ta' flus li hemm depozitati fil-Bank Centrali, kienet qeghda tezercita diskrezzjoni li jatiha l-Artikolu 22A tal-Kap. 101. Din il-qorti ma tistax tistharreg jekk l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u l-Qorti Kriminali jidher li qeghdin jaghtu lill-Artikolu 22A tal-Kap. 101, hijiex korretta jew le. Li hu rilevanti hu li r-rikorrenti kellha mezz biex tressaq it-talba ghal konsiderazzjoni tal-qorti.

"Il-qorti zzid li f'dan ir-rigward ir-riferenza li ghamlet ir-rikorrenti ghall-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali hi irrilevanti. M'hemm l-ebda kunflitt bejn dan il-provvediment u l-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101. Hu minnu li l-Artikolu 23(1) japplika wkoll fil-kazijiet kontemplati fil-Kap. 101 (ara Artikolu 22(3)(a)(c) tal-Kap. 101). Pero' l-flus m'humiex proprjeta tar-rikorrenti. Inoltre d-diskrezzjoni li ghandha l-qorti bis-sahha tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 m'hijiex fir-rigward ta' proprjeta ta' terzi izda proprjeta tal-persuni akkuzati bit-traffikar. Wiehed irid jiftakar. L-ordni ta' iffrizzar hi kontemplat mil-ligi. Sal-lum il-kaz ghadu pendenti. F'kaz li l-konjugi Agius jinstabu hatja, dan iwassal ghal konfiska tal-assi li gew akkwistati minnhom b'rizultat ta' attivita' illecita. Mizura ntiza biex ma tippermettix lill-persuni li jaghmlu qliegh minn per ezempju traffikar ta' drogi; *"In such circumstances the Court finds that the confiscation pursued a legitimate aim in the general interest, namely it sought to ensure that the use of the property in question did no procure for the applicant pecuniary advantage to the detriment of the community" (see Raimondo, cited above, §30"* (**Silickiene v Lithuania)**.

"Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **C.M. V France** (28078/95) tas-26 ta' Gunju 2001, fejn il-Qorti Ewropea kkonkludiet li 'l fatt li t-terz *in bona fide* kellu mezz kif jikkontesta konfiska, fih innifsu jissodisfa t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

"Hekk ukoll ir-riferenza ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hi ghal kollox barra minn lokha in kwantu l-proceduri kriminali ttiehdu kontra l-konjugi Agius. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti sostniet li hemm nuqqas ta' certezza legali bejn dak li

jipprovdi l-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 22A tal-Kap. 101[6]. Il-qorti ma taqbilx in kwantu:

"(a) L-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali jitratta ordni ta' konfiska li ssir fis-sentenza finali, filwaqt li l-iffrizar tal-proprjeta tal-akkuzat (Artikolu 22A tal-Kap. 101) hi ordni temporanja li ssir waqt is-smiegh tal-proceduri kriminali u dan fl-interess generali;

"(b) L-ordni ta' iffrizar tirrelata ghas-sekwestru f'idejn terzi tal-flejjes u mobbli li huma dovuti lil jew imissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta tieghu, kif ukoll milli l-akkuzat jiddisponi jew jittrasferixxi mobbli jew immobbli li huma proprjeta tieghu. Fil-kaz in ezami l-vettura hi proprjeta' tar-rikorrenti. Mela l-ordni ta' iffrizar ma japplikax.

"Jekk ir-rikorrenti ser issibha difficli biex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv minhabba l-konsistenza tal-patrimonju tal-konjugi Agius, din mhi htija ta' l-ebda wiehed mill-intimati.

"Il-qorti tikkonkludi li l-ilmenti tar-rikorrenti ghal dak li jikkoncerna l-flus li nqabdu minghand il-konjugi Agius huma manifestament bla bazi.

"**<u>Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti lmentat minn ksura tal-Artikolu 13 li jipprovdi:-

*""Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity"*.

"Dan hu argument gdid li ma ssemmiex fir-rikors promotur. Fil-fehma tal-qorti ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali m'ghandux jitressaq ghall-ewwel darba

[6] *"filwaqt illi l-artikolu 22A tal-Kap. 101 ihalli f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti li fuq talba ta' xi terza persuna tirrilaxxa xi oggetti iffrizati jew li tali persuna tithallas mill-assi, fl-Artikolu 23 tal-Kap. 9 fejn jirrizulta li xi persuna estranea ghal dak id-delitt ikollha jedd ghal tali oggett, il-Qorti hija prekluza milli tikkonfiska"* (nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti).

> f'nota ta' sottomissjonijiet. Il-qorti ghandha tindirizza l-ilment tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur. F'kull kaz ir-rikorrenti, ghalkemm fil-proceduri kriminali m'hijiex il-persuna akkuzata, kellha rimedju sabiex titlob lill-qorti li tiehu l-pussess tal-vettura. Rimedju li fil-fatt utilizzat meta pprezentat ir-rikorsi fuq imsemmija, izda eventwalment irrizulta li abbandunat dik it-triq u minflok bdiet tinsisti ghar-rilaxx ta' flus tal-akkuzati."

**<u>L-Appell</u>**

**9.** Dan hu bazat fuq erba' aggravji: [1] li l-appellanti qatt ma rrinunzjat ghad-dritt taghha li tiehu lura l-vettura wara li l-bilanc tal-prezz baqa' ma thallasx, [2] li l-fatt li hija ma gietx awtorizzata li tezegwixxi t-titolu taghha fuq il-flus depozitati fil-Bank Centrali jilledi d-drittijiet fundamentali taghha skont l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati, [3] li l-konflitt li jezisti bejn l-Artikoli 23 tal-Kap.9 u l-Artikolu 22A[1] tal-Kap.101 johloq incertezza legali vjolattiva tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq, [4] li r-rimedju indikat mill-intimat Direttur Generali fit-tieni eccezzjoni tieghu mhux kontemplat fis-sistema legali taghna.

*L-ewwel aggravju*

**10.** L-appellanti ssostni li ma kien hemm ebda rinunzja ghad-drittijiet taghha fuq il-vettura, u l-fatt li matul il-proceduri kriminali hi pprovat wkoll tezegwixxi l-kambjali skont l-Artikolu 253 [e] tal-Kap.12 ma jfissirx li hi rrinunzjat ghad-dritt taghha ta' proprjeta` fuq il-vettura.

**11.** Ukoll, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li l-appellanti, bhala s-sid tal-vettura, kienet totalment estraneja ghall-attivita` kriminali li biha gew akkuzati l-konjugi Agius. Dan il-fattur kellu jinghata piz qawwi fid-determinazzjoni tal-punt jekk f'dan il-kaz kienx intlahaq dak il-bilanc gust, inerenti fil-Konvenzjoni kollha, bejn l-interessi tas-socjeta` in generali u, f'dan il-kaz, l-interessi tat-terz propretarju li ma kellu x'jaqsam xejn mal-attivita` kriminali addebitata lill-konjugi Agius.

**12.** Tghid ukoll li l-vettura qed tigi mizmuma bla bzonn peress li d-droga ma kinitx instabet fiha, izda kienet instabet fir-residenza tal-konjugi Agius.

**13.** Finalment, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, il-qrati kostituzzjonali ghandhom ukoll il-funzjoni li jissindikaw l-operat u l-uzu tad-diskrezzjoni ezercitata mill-qrati kriminali dwar it-talba ghar-rilaxx tal-vettura.

**14.** L-intimati min-naha taghhom jirribattu ghal dan l-aggravju bis-segwenti konsiderazzjonijiet.

**15.** Ghalkemm kienu gew prezentati erba’ rikorsi ghar-rilaxx tal-vettura, il-Qorti tal-Magistrati [Malta] kienet cahdet it-talba peress li f’dak l-istadju r-rapport tal-perit tekniku kien ghadu ma giex prezentat.

**16.** Inoltre, fir-rikorsi sussegwenti ghall-ewwel erba’ rikorsi prezentati mill-appellanti, din talbet <u>biss</u> li tigi awtorizzata tezegwixxi t-titolu taghha ghal bilanc tal-prezz dovut mill-konjugi Agius fuq is-somma maqbuda mir-residenza taghhom, u ma sar ebda rikors iehor ghar-rilaxx tal-vettura. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ddecidiet li fir-rigward tar-rilaxx tal-vettura ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji.

**17.** Fir-rigward l-ewwel Qorti rrelevat li fl-udjenza tal-24 Ottubru 2013 fil-kawza odjerna l-appellanti, allura rikorrenti, iddikjaraw li huma *“jifhmu li fil-pendenza tal-proceduri kriminali l-vettura tibqa’ sekwestrata…”* filwaqt li ssenjalaw lill-ewwel Qorti li “*hemm flus minn fejn ir-rikorrenti tista’ tithallas il-kreditu li ghandha fil-konfront tal-akkuzati.”*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**18.** Dan l-aggravju hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza li tirrigwardja r-rilaxx tal-vettura, fejn l-ewwel Qorti deherilha li ma tezercitax is-setgha

kostituzzjonali taghha peress li l-appellanti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha sabiex tottjeni r-rilaxx tal-vettura.

**19.** In tema legali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 [2] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni, jigi osservat li llum huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tar-rikorrent. Mhuwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita` fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' din il-ligi. [Q.Kos **John Grech v. Onor. Prim Ministru**, deciza 31 ta' Jannar 2014, fejn saret ukoll referenza ghall-principji migbura fis-sentenza moghtija minnha fis-16 ta' Jannar 2006 fil-kawza **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs**] .

**20.** Fil-meritu tal-aggravju din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li mhuwiex legalment konsentit li l-appellanti tezercita d-dritt taghha li tirriprendi l-pussess tal-vettura u fl-istess hin titlob li tezegwixxi l-kambjali li kellha favur taghha rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-vettura, dak li hu relevanti u determinanti ghall-finijiet tad-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti huwa jekk, wara d-digriet

moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fl-4 ta' Marzu 2008,[7] l-appellanti kienx ghad fadlilha rimedju ordinarju adegwat u effettiv ghar-ripreza tal-vettura proprjeta` taghha. Ir-risposta hija fl-affermattiv, stante li ma kien hemm xejn x'josta legalment li l-appellanti tinsisti ma' dik il-Qorti li jinghata provvediment fuq it-tliet rikorsi l-ohra, wara li l-espert tekniku jkun espleta l-inkarigu tieghu. Hija setghet ukoll taghmel rikorsi ulterjuri ghal dan il-ghan wara li l-espert tekniku pprezenta r-relazzjonijiet tieghu fl-24 ta' Gunju 2008 u fid-9 ta' Dicembru 2008. Izda, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti, l-appellanti naqset milli taghmel dan, u minflok, biddlet l-istrategija taghha, u bdiet titlob li tigi awtorizzata mill-qrati kriminali sabiex tezegwixxi l-kambjali fuq is-somma maqbuda mir-residenza tal-konjugi Agius. Dan fih innifsu, ghalkemm ma jwassalx ghall-konkluzjoni definittiva li l-appellanti fil-fatt kienet irrinunzjat ghad-dritt jew fakolta taghha li tiehu lura l-vettura, huwa evidenza tal-fatt li l-appellanti ma kinitx aktar interessata li titlob ir-rilaxx tal-vettura. Di fatti wara r-rikors tal-10 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu ntalab ir-rilaxx tal-vettura, ma sar ebda rikors iehor ghal dan il-ghan. Anzi, fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2013 quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti rregistraw li huma kienu *"jifhmu li fil-pendenza tal-proceduri kriminali l-vettura tibqa' sekwestrata."*

**21.** Ghalhekk mill-provi jirrizulta car li, minkejja li l-appellanti, bhala sid tal-vettura, kellha l-fakolta li taghmel rikorsi ulterjuri ghar-rilaxx tal-vettura, din ghazlet li ma tkomplix taghmel uzu minn dan ir-rimedju ordinarju li kellha u

[7] Li permezz tieghu l-Qorti tal-Magistrati [Malta] cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura f' dak l-istadju tal-proceduri qabel il-prezentazzjoni tar-relazzjoni tal-perit tekniku [supra].

ghad ghandha ghad-dispozizzjoni taghha. Ma' dan ghandu jinghad li anke f'kaz li tinhareg l-ordni tal-konfiska fis-sentenza l-ligi ordinarja u cioe` l-Artikolu 22[c][8] tal-Kap.101 tipprovdi rimedju ordinarju sabiex l-appellanti tipprocedi gudizzjarjament ghar-ripreza tal-vettura.

**22.** Rigward il-punti l-ohra sollevati f'dan l-aggravju, u cioe` li l-appellanti kienet totalment estraneja ghall-attivita` kriminali imputata lill-konjugi Agius, u li l-vettura kienet qed tigi mizmuma bla bzonn, huma relevanti biss fis-sens li jkomplu jsahhu l-fehema tal-Qorti li, tenut kont dawn il-fatturi, l-appellanti kellha u ghad ghandha rimedju ordinarju u adegwat.

**23.** Rigward il-punt dwar il-funzjoni tal-qrati kostituzzjonali vis-à-vis id-diskrezzjoni tal-qrati kriminali dwar ir-rilaxx tal-vettura, jinghad biss li, filwaqt li tali diskrezzjoni tispetta lill-qrati kriminali u li ghandha tigi ezercitata fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz li jkun qed jinstema' quddiemhom, dan ma jnaqqas xejn mis-setgha tal-qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali li jindagaw, meta

---

[8] Dan l-artikolu fl-ewwel subinciz tieghu jaqra hekk:

"*22Ċ. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d), il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna imsemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*"

jkunu hekk aditi, biex jiddeterminaw jekk tikkonfigurax lezjoni ta’ dritt fundamentali protett bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni.

**24.** Ghalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti uzat hazin id-diskrezzjoni taghha ai termini tal-artikoli precitati meta ghazlet li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha rigward il-pretenzjoni tal-appellanti li z-zamma tal-vettura kienet in vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**25.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

**26.** L-appellanti ssostni li l-fatt li ma kinitx giet awtorizzata mill-qrati kriminali li tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha ghall-bilanc tal-prezz dovut lilha fuq il-flus maqbuda u depozitati fil-Bank Centrali huwa leziv tad-dritt fundamentali taghha protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan peress li pretenzjoni ta’ flus jew titolu ezekuttiv, kif ukoll il-pretenzjoni ghad-danni sofferti minnha, jistghu jikkwalifikaw bhala *“possediment”* skont l-artikolu konvenzjonali. Ghalhekk l-agir tal-Istat f’dan ir-rigward jikkostitwixxi privazzjoni mit-tgawdija pacifika tal-possediment taghha. Ikomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

"Id-dritt tas-socjeta' appellanti mhuwiex dritt ta' propretarju fuq il-flus li hemm effettivament u fizikament depozitati fil-Bank Centrali pero' dritt that l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li, stante li minghajr ebda htija u minghajr ebda raguni valida,[9] qed tigi [privata] mill-"possediment' taghha konsistenti f' titolu ezekuttiv kif fuq spjegat."

**27.** Min-naha taghhom l-intimati jirribattu ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti.

**28.** L-intimati jsostnu li ma kien hemm ebda spussessament tal-proprjeta` tal-appellanti. Dwar il-vettura jghidu li meta din giet maqbuda rizultat tal-ordni tal-iffrizar mahruga mill-Qorti tal-Magistrati l-vettura ma kinitx fil-pussess tal-appellanti, izda kienet fil-pussess tal-konjugi Agius.

**29.** Dwar il-flus, isostnu li dawn qatt ma kienu la proprjeta` tal-appellanti u lanqas fil-pussess taghha, u ghalhekk ic-cahda tat-talba taghha sabiex tezegwixxi t-titolu taghha fuq dawn il-flus ma tistax titqies bhala tfixkil fit-tgawdija pacifika ta' possediment taghha.

**30.** Barra minnhekk il-Qorti tal-Magistrati [Malta] b'digriet tat-2 ta' Lulju 2010, filwaqt li cahdet it-talba tal-appellanti ghall-ezekuzzjoni tat-titolu taghha fuq il-flus maqbuda, awtorizzat *"il-hlas pero` jsir minn assi ohra mhux hekk*

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti

*affettwati li pero' ghandhom fl-ewwel lok jigu ben identifikati lilha ghall-iskrutinju gudizzjarju dwar il-provenzjenza taghhom."* Dan ifisser li dak li cahdet il-Qorti tal-Magistrati [Malta] kien biss it-talba tal-appellanti li jithallsu dak dovut lilhom mill-flus suspettati li huma derivanti minn provenjenza illecita, filwaqt li l-appellanti ma tilfitx id-drittijiet taghha, fosthom dak li tenforza t-titolu ezekuttiv vantat fuq proprjeta` ohra tal-konjugi Agius.

**31.** *In subsidium* l-intimati jressqu s-segwenti konsiderazzjonijiet.

**32.** Ir-raguni ghall-iffrizar tal-assi tal-akkuzati matul il-proceduri kriminali hija l-interess generali li min hu akkuzat bl-akkuzi ta' traffikar ta' droga ma jithallhiex jaghmel uzu u gwadan mir-rikavat derivanti minn din l-attivita` kriminali, u ghalhekk l-interferenza kienet wahda legittima u mhux sproporzjonata.

**33.** Rigward l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-intimati jsostnu li f'dan il-kaz ma kienx hemm tehid forzuz tal-proprjeta` tal-vettura, izda se mai kien hemm kontroll tal-uzu tal-istess vettura. Apparti minn hekk, ghat-tezi tal-appellanti fir-rigward josta dak kontemplat fit-tieni paragrafu tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, kif ukoll dak kontemplat fis-sub-inciz 2[b] u [h] tal-Kostituzzjoni li testwalment jaqra hekk:

> "Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safen tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' – [b] bhala penali ghal, jew bhala konsegenza ta', ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali jew [h] fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati."

**34.** Il-htiega li l-vettura tibqa' mizmuma matul il-proceduri kriminali hija diskrezzjonali fuq il-qrati kriminali li jkunu qed jisimghu l-meritu tal-kaz, u mhux fuq il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**35.** Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa bazat fuq zewg premessi, wahda fattwali u l-ohra legali, li huma fundamentalment hziena u jimminaw l-validita` tal-istess aggravju.

**36.** Fl-ewwel lok, jigi osservat li ma hu minnu xejn li l-qrati kriminali qed jipprivaw il-possediment pretiz mill-appellanti "*minghajr ebda raguni valida.*" Dan huwa spropozitu manifest ta' fatt, ghax mill-provi jirrizulta pacifiku li l-flus maqbuda mill-pulizija mir-residenza tal-konjugi Agius qed jinzammu fil-Bank Centrali proprju ghax hemm il-probabbilita` kbira li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom provenjenza illecita. Hija din r-raguni valida wara r-

riluttanza tal-qrati kriminali li jawtorizzaw lill-appellanti tesegwixxi l-kreditu taghha fuq dawn il-flus.

**37.** Fit-tieni lok, la l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali, fuq citati, ma jipprotegu d-dritt tal-godimenti pacifiku tal-possedimenti jew proprjeta` minghajr restrizzjoni ta' xejn. Di fatti l-Artikolu 37 fis-sub-inciz 2 paragrafi [b] u [h] jezentaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fil-kaz ta' qbid ta' proprjeta` bhala piena ghal jew konsegwenza ta' ksur tal-ligi, kif ukoll konfiska ta' proprjeta` fl-ezekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qorti. Anke l-artikolu konvenzjonali fuq citat, filwaqt li fl-ewwel sentenza tieghu jenuncja l-principju generali tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna, ikompli billi jelenka r-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt principalment fl-interess generali.

**38.** Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Trimeg Limited v. Malta**[10]:

> *"The Court reiteraites that "Article 1 in substance guarantees the right of property. It comprises 'three distinct rules': the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph , covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other thins, to control the use of property by enforcing such laws as they deem necessary in the general interest. However, the three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instasnces of interference with the right to peaceful enjoyment of*

[10] 27 Settembru 2011 – para.23

> *property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule [see inter alia, Tre Traktorer AB vs Sweden 7 July 1989 para.54, Series A no 159, and Fredin vs Sweden [no.1], 18 February 1991, para.51, Series A no.192]*

**39.** Huwa wkoll relevanti ghall-finijiet ta' dan l-aggravju dak osservat mill-Qorti Ewropeja rigwardanti l-principju tal-proporzjonalita` applikabbli wkoll ghall-artikolu konvenzjonali in dizamina:

> *"Not only must an intereference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden" [Hutten Czapyuska v Poland – para.166 – 19 Gunju 2006; Silickiene v Lithuania – Appl.20496/02, deciz 10 April 2012]*

**40.** Fil-meritu din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta pacifiku li l-appellanti tikkwalifika bhala kreditur *bona fide* u li l-kreditu taghha jirrizali sa qabel il-hrug tal-ordni tal-iffrizar, il-qrati kriminali uzaw id-diskrezzjoni taghhom taht l-Artikolu 22A[1] Kap.101 billi cahdu t-talba tal-appellanti milli tezegwixxi t-titolu taghha fuq il-flus li dwarhom hemm suspett fondat li gejjin minn attivita` kriminali. Dan seta' jsir bis-sahha tal-ligi intiza sabiex tipprotegi l-interess generali billi tassigura li flus derivanti minn reat ma jigux impjegati sabiex

jissodisfaw debitu tal-akkuzati u b'hekk ikunu qed jintuzaw ghal beneficcju taghhom. Kif osservat l-ewwel Qorti, huwa fl-interess tas-socjeta` in generali li l-ordni tal-iffrizar tal-assi tinghata u tigi applikata sabiex b'dan il-mezz provvizorju u kawtelatorju jigi zgurat li proprjeta` akkwistata b'attivita` kriminali li hija ta' detriment kbir ghas-socjeta` tigi konfiskata f'kaz ta' sejbien ta' htija.

**41.** Inoltre, lanqas jista' validament jinghad li fic-cirkostanzi l-appellanti qed issofri piz eccessiv u sproporzjonat, ghax f'dan il-kaz, tenut kont tal-hsara li l-attivita` kriminali inkwistjoni taghmel lis-socjeta`, l-interess generali ghandu jipprevali fuq dak tal-appellanti li tithallas dak dovut lilha. Barra minn hekk l-appellanti ma tilfitx id-dritt taghha li tezegwixxi l-kreditu taghha fuq assi ohra appartenenti lill-akkuzati jew li dawn jistghu jakkwistaw fil-futur u li ma jkunux gejjin minn attivita` kriminali. Dan id-dritt gie fil-fatt asserit mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2010[11]. Ma' dan jizdied dak li osservat din il-Qorti fl-ewwel aggravju taghha u cioe` li ma hemm xejn x'jimpedixxi lill-appellanti milli terga' titlob ir-rilaxx tal-vettura wara l-prezentata tar-rapport tal-espert tekniku. Dan il-fatt ghandu piz relevanti fid-determinazzjoni tal-fattur tal-proporzjonalita` inkwantu, minkejja li l-appellanti ma gietx awtorizzata li tezegwixxi l-kambjali fuq il-flus maqbuda, xorta wahda ghandha l-alternattiva li titlob ir-rilaxx tal-vettura u b'hekk tiehu dak dovut lilha.

[11] Supra

**42.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**43.** Dan hu fis-sens li fis-sistema legali nostrana hemm dispozizzjonijiet kontradittorji fil-ligi, senjatament l-Artikolu 23 tal-Kap.9 u l-Artikolu 22A[1] Kap.101, li fil-kaz odjern qed tohloq nuqqas ta' certezza legali ghad-dannu tal-appellanti. Din tfisser hekk l-aggravju taghha:

> "Illi, filwaqt li l-artikolu 22A tal-Kap.101 ihalli f' idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti li fuq talba ta' terza persuna tirrilaxxa xi oggetti ffrizati jew li tali persuna tithallas mill-assi, fl-artikolu 23 tal-Kap.9 fejn jirrizulta li xi persuna estranea ghal dak id-delitt jkollha jekk ghal tali oggett, il-Qorti hi prekluza milli tikkonfiska."

**44.** Issostni li d-distinzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward, u cioe` bejn l-ordni ta' konfiska li ssir fis-sentenza finali [Art.23 Kap.9] u l-ordni tal-iffrizar tal-proprjeta` tal-akkuzat [Art.22A Kap.101] li hija wahda temporanja u li ssir waqt is-smiegh tal-proceduri kriminali, ma tregix stante li:

> "Anke waqt il-proceduri terz jista' jitlob ir-rilaxx ta' oggetti esebiti fi procedura kriminali <u>anke waqt tali procedura</u> a bazi tal-fatt illi tali oggetti ma jistghu qatt jigu konfiskati. B' dan il-mod l-artikolu 23 tal-Kap.9 ghandu applikazzjoni anke waqt li jkunu ghadhom pendenti proceduri kriminali."

**45.** Inoltre, b'referenza ghall-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-ordni tal-ifrizar ma tapplikax ghall-vettura peress li din mhijiex proprjeta` tal-akkuzati izda tal-appellanti, dawn jghidu li:

> "Parti mill-lanjanza tar-rikorrenti pero' hija rigwardanti n-nuqqs tar-rilaxx tal-flus dovuti lis-socjeta' rikorrenti kif hawn fuq spjegat. Rigwardanti dawn il-flus kwindi l-artikolu 22A huwa relevanti u applikabbli.

**46.** L-appellanti ssostni wkoll li z-zewg dispozizzjonijiet japplikaw ghal kaz in ezami pero` huma kontradittorji.

**47.** L-intimati jirribattu ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti,

**48.** Fl-ewwel lok josservaw li, peress li fir-rikors tal-appell l-appellanti ma tirriferi ghal ebda dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li allegatament qed tigi vjolata minhabba din l-allegata kontradizzjoni, jidher mir-rikors promotur li l-ilment tal-appellanti huwa fis-sens li l-allegata incertezza legali qed tivvjola d-dritt taghha ghal smiegh xieraq.

**49.** Ferm il-premess, l-intimati jkomplu jsostnu li ma hemm ebda proceduri fil-konfront tal-appellanti, u l-proceduri kriminali jirreferu biss ghall-konjugi Agius. Inoltre fil-proceduri kriminali kontra Agius, l-appellanti ghamlet diversi

rikorsi quddiem il-qrati kriminali li quddiemhom qed jinstema' l-kaz, li gew debitament ikkunsidrati u decizi. Barra minn hekk minn imkien ma jirrizulta li l-appellanti giet prekluza milli tfittex il-hlas pretiz minnha minn flejjes ohra tal-akkuzati, li m'ghandhomx provenjenza illecita. Li kieku l-appellanti kellha tigi awtorizzata li tithallas il-kreditu taghha mir-rikavat tat-traffikar tad-droga jkun qed jigi kommess ir-reat ta' riciklagg ta' flejjes ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap.373 u r-reat kontemplat fl-Artikolu 22[1C] tal-Kap.101.

**50.** L-intimati jissenjalaw id-distinzjoni li tezisti bejn l-Artikolu 22A[1] tal-Kap.101 li jipprovdi ghal sekwestru ta' flejjes u proprjeta` mobbli tal-akkuzat b'mod generali u l-Artikolu 23 tal-Kap.9 li jipprovdi ghall-konfiska wara sejbien ta' htija tal-*corpus delicti* u cioe` tal-istrumenti li servew jew li kienu mahsuba li jservu sabiex isir id-delitt u ta' kulma jkun miksub bid-delitt. Dan l-ahhar artikolu jrid jinqara flimkien ma' dak li jiddesponi l-Artikolu 675[5] tal-Kap.9 li jaghti dritt ta' kumpens limitat lil min, qabel ma saret il-konfiska, kellu dritt ghall-oggett konfiskat.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**51.** Din il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern l-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni hu inapplikabbli tenut kont tal-fatt li la hemm proceduri civili diretti sabiex <u>jiddeterminaw</u> drittijiet jew obbligi civili tal-appellant, u wisq anqas hemm

proceduri kriminali fil-konfront tal-istess appellanti. Il-proceduri kriminali huma diretti biss kontra l-konjugi Agius u l-ordni tal-iffrizar tolqot biss il-proprjeta` taghhom, inkluz allura l-flus li nstabu fir-residenza taghhom.

**52.** Inoltre, il-fatt li l-qrati kriminali fil-kawza kriminali kontra l-konjugi Agius ezercitaw id-diskrezzjoni taghhom billi ma awtorizzawx il-hlas tal-kreditu tal-appellanti, mhux leziv tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-appellanti. Dan qed jinghad tenut kont ukoll tal-fatt li l-appellanti kienet ghamlet rikorsi ghal dan il-ghan li kienu gew debitament ikkunsidrati mill-Qorti, izda gew michuda b'digrieti motivati, specifikatament ghar-raguni li dwar il-flus maqbuda kien jezisti suspett fondat li dawn kienu provenjenti minn attivita` kriminali.

**53.** Rigward in-nuqqas ta' certezza legali li skont l-appellanti tezisti minhabba kontradizzjoni bejn l-Art.23 tal-Kap.9 u l-Artikolu 22A [1] tal-Kap.101, din il-Qorti tosserva li filwaqt li l-Artikolu 23 jifforma parti mil-ligi penali generali u ghalhekk huwa applikabbli ghar-reati, l-Art.22A [1] tal-Kap.101 hija dispozizzjoni ta' ligi specjali, u ghalhekk f'kaz ta' konflitt tipprevali din tal-ahhar fuq l-istregwa tal-massima *lex specialis derogat legi generali*. F'dan l-ahhar artikolu l-legislatur ried li fil-kaz tar-reati kontemplati fl-istess artikolu, wara li tkun inghatat ordni tal-iffrizar tal-proprjeta` tal-akkuzat bhala mizura provvizorja u kawtelatorja, il-qrati kriminali li jkunu qed jisimghu l-kaz, xorta wahda jkollhom id-diskrezzjoni li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' flus favur

kredituri *bona fide* li l-kreditu taghhom jirrizali sa qabel il-hrug tal-ordni. Izda b'daqshekk, ma jfissirx li hemm konflitt mal-Artikolu 23 li min-naha tieghu jezenta mill-konfiska oggetti li fuqhom terzi li ma jkunux ippartecipaw fid-delitt jkollhom jedd. Anzi din il-Qorti tara li l-Artikolu 22A[1] jikkomplimenta l-Artikolu 23, stante li anke matul il-proceduri kriminali l-Qorti ghandha s-setgha li tirrilaxxa proprjeta` milquta b'ordni tal-iffrizar kif fuq indikat.

**54.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament nfondat.

*Ir-raba' aggravju*

**55.** Dan jirrigwarda eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Direttur Generali fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur.

**56.** Tenut kont li dan l-intimat gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u ma sar ebda appell minn din il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, mhux il-kaz li dan l-aggravju jigi kkunsidrat ulterjorment.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell, bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------